MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF GINO CAMILLERI

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2008

Citazzjoni Numru. 909/1993/1

**L-Avukat Dottor Albert Libreri bhala mandatarju tas-socjeta' estera Anglo Irish Beef Processors International**

**vs.**

**Charles sive Carmelo Zammit**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur nomine ippremetta:-

Illi f'Settembru 1990 is-socjeta' attrici bieghet u kkonsenjat lill-konvenut laham bl-ingrossa ghall-valur totali ta' sebgha u sittin elf, mija u erbgha u tletin dollari amerikani, u wiehed u tmenin centezmu (U.S. $67,634.81) skond l-Invoice numru 0191 (Dok B) datat 11 ta' Settembru 1990

ekwivalenti fi flus maltin bir-rata tal-kambju ta' dik il-gurnata (Lm1:3.2201 U.S. $) ghal wiehed u ghoxrin elf u tlett liri erbgha u disghin centezmu u seba' millesmi (Lm21003.94,7);

Illi l-konvenut sal-lum ghadu ma hallasx l-ammont fuq imsemmi u kwindi ghandu jhallas l-imghax kummercjali li mit-12 ta' Settembru 1990 sal-24 ta' Gunju 1993 jammonta ghal erbat elef sitt mija u sebgha u sebghin liri u sitta u ghoxrin centezmu (Lm4,677.26c) liema ammont huwa cert, likwidu u dovut;

Ghalhekk l-attur nomine talab li l-konvenut jghid ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti:

1. Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa ta-ttrattazzjoni ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u dan in vista tad-dikjarazzjoni guramentata tal-attur nomine Dokument C;

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma komplessiva ta' hamsa u ghoxrin elf sitt mija wiehed u tmenin lira ghoxrin centezmu u seba' millesmi (lm25,681.20,7) dovuti kif fuq spjegat;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali datata 28 ta' Dicembru 1992 u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju datat 14 ta' Mejju 1993 u bl-imghax kummercjali ulterjuri sad-data tal-pagament kontra l-konvenut li gie ukoll ingunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur nomine debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn gie eccepit: illi t-talba attrici hija nfondata billi l-attur stess kien inadempjenti fl-obbligi tieghu assunti mal-konvenut u naqas li jikkonsenja l-merkanzija lill-konvenut sknod il-

kwalita pattwita. Inoltre l-konvenut xtaq javvelixxi ruhu minn din ic-citazzjoni biex jipprezenta l-annessa kontrotalba kontra l-attur;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat il-kontro-talba tal-konvenut fejn gie premess:-

Illi l-attur kien biegh u kkonsenja lill-konvenut merkanzija konsistenti konsenja laham lilu mibjugha bl-ingrossa bil-prezz ta' sebgha u sittin elf sitt mija u erbgha u tletin Dollaru Amerikan u wiehed u tmenin centezmu u dan fuq ordni ta' l-istess konvenut;

Illi l-merkanzija konsenjata mis-socjeta' attrici lill-konvenut ma kinitx skond u ghat-tenur tal-ordni minnu maghmula u dan billi l-laham lilu kkonsenjat ma kienx "steer" kif minnu ordnat imma kien kwalita' ta' laham ohra li la kien "steer" u lanqas kien "beef";

Illi bhala rizultat ta' dan il-fatt il-konvenut sab diffikultajiet kbar biex ibiegh l-istess merkanizja fuq is-suq u soffra danni kbar minhabba dan il-fatt;

Illi d-ditta attrici kienet offriet li tirrizarcih in parti ghad-danni minnu sofferti billi offrietlu riduzzjoni sostanzjali fil-prezz li l-konvenut baqa' ma accettax ghax kien ippretenda li d-dannu minnu soffert kien ferm akbar;

Illi s-socjeta' attrici baqghat ma iddivjenitx ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni kkawzati lill-konvenut ghalkemm minnu interpellata ghal dan l-iskop;

Ghalhekk il-konvenut talab li l-attur nomine jghid ghaliex m'ghandhiex dina l-Qorti:

1. tiddikjara li s-socjeta' attrici responsabbli ghad-danni kollha kkawzati lill-konvenut bil-konseja lilu tal-

merkanzinja fuq imsemmija mhux skond it-termini tal-kuntratt u skond il-kwalita' bejniethom pattwita;

2. tillikwida l-istess danni okkorrendo b'opera ta' periti nominandi;

3. tikkundanna lill-attur nomine ihallas id-danni hekk likwidati flimkien mal-imghax kummercjali mid-data tac-citazzjoni;

Bl-ingunzjoni tal-attur ghas-subizzjoni u bl-ispejjez u b'riserva ta' kull dritt spettanti lill-konvenut ghad-danni minnu sofferti bhala rizultat tal-mandati ottenuti mill-attur nomine fil-konfront tieghu;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut presentata mal-kontro-talba tal-istess konvenut debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tiegh;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-attur nomine ghat-talba rikonvenzjonali tal-konvenut fejn gie eccepit illi t-talbiet tal-konvenut huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-allegazzjoni li l-konsenja ma kinitx tal-kwalita' pattwita hija ghal kollox inveritiera;

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur nomine debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat it-traskrizzjoni tad-deposizzjonijiet tax-xhieda Russel McCoebe, Ronald Galea, Francis Micallef u John Farrugia prodotti mill-attur nomine;

Semghet lill-imsemmi xhud Ronald Galea in kontro-esami;

Semghet lill-konvenut;

Rat it-traskrizzjoni tad-deposizzjoni tal-konvenut in kontro-esami quddiem l-Imhallef Supplenti appositament nominat;

Semghet lix-xhieda prodotti mill-konvenut;

Rat l-affidavit ta’ Charles Azzopardi presentat mill-konvenut u semghet lill-istess xhud in kontro-esami;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat li l-kawza giet differita sabiex tinghata s-sentenza;

Ikkonsidrat:

Is-socjeta socjeta attrici estera Anglo Irish Beef Processors International qed titlob li l-konvenut jigi kundannat ihallas is-somma komplessiva ta' hamsa u ghoxrin elf sitt mija wiehed u tmenin lira ghoxrin centezmu u seba' millesmi (lm25681.20,7) dovuti bhala prezz ta’ konsenja ta’ laham mibjugha lill-istess konvenut bl-ingrossa. Il-konsenja in kwestjoni kienet tiswa wiehed u ghoxrin elf u tlett liri erbgha u disghin centezmu u seba' millesmi (Lm21003.94,7) u ghalhekk fit-talba hemm inkluz l-imghax kummercjali mit-12 ta' Settembru 1990 sal-24 ta' Gunju 1993 cioe’ s-somma ta’ erbat elef sitt mija u sebgha u sebghin liri u sitta u ghoxrin centezmu (Lm4677.26);

Il-konvenut qed jeccepixxi li s-socjeta’ attrici kienet inadempjenti ghar-rigward tal-obbligi assunti fil-konfront tieghu billi l-konsenja in kwestjoni ma kienitx sknod il-kwalita pattwita;

L-istess konvenut ippresenta kontro-talba fejn ippremetta li l-laham konsenjat lilu ma kienx "steer" kif ordnat izda kien kwalita' ta' laham ohra. Minhabba f’hekk il-konvenut kellu jiffaccja diffikultajiet kbar biex ibiegh il-laham u b’hekk ukoll huwa sofra danni kbar. Il-konvenut jippremetti ukoll li d-ditta attrici offriet li tirrizarcih in parti ghad-danni billi offriet riduzzjoni sostanzjali fil-prezz. Il-konvenut ma accettax ghaliex id-danni li sofra kienu kbar. Fuq dawn il-premessi l-konvenut talab li s-socjeta’ attrici tigi dikjarata responsabbli ghal dawn id-danni, li jigu likwidati l-istess

danni u li s-socjeta attrici tigi kundannata thallas id-danni hekk likwidati;

Ghal-dawn it-talbiet tal-konvenut is-socjeta attrici qed teccepixxi li mhux minnu li l-konsenja in kwestjoni ma kinitx tal-kwalita' pattwita. Fid-dikjarazzjoni taghha guramentata, d-ditta attrici ddikjarat li qabel ma saret l-ordni relattiva minn naha tal-konvenut, l-istess konvenut kien ircieva “sample” sabiex il-konvenut seta jezamina l-kwalita’ tal-laham qabel ma in effett saret l-ordni. Il-laham konsenjat hu kollu ‘beef’;

Id-ditta attrici tkompli tiddikjara li l-konvenut accetta l-iskont offert minnha, pero’ kull ma ghamel il-konvenut kien li naqqas dan l-iskont minn ordni ohra mghamula sussegewntement. In effett ukoll il-konvenut kien baghat “bank draft” tas-somma shiha kif pretiza mill-istess ditta attrici bhala l-prezz shih tal-konsenja in kwestjoni. Il-konvenut ghamel “stop payment ghar-rigward tal-imsemmi draft, pero’ dan kien meta l-istess draft gie persunt mitluf;

Mill-provi prodotti jirrizulta li s-socjeta estera attrici kienet importat gewwa Malta diversi “containers” kontenenti laham tac-canga li orrigina mill-Germanja. Din kienet l-ewwel darba li s-socjeta attrici importat Malta laham gej mill-imsemmi pajjiz. Solitament kienet tibghat hawn Malta laham li kien orrigina mir-Renju Unit u mill-Irlanda. Il-laham importat mir-Renju Unit jew mill-Irlanda ikun laham bovin u l-annimali jkun gew neutralizzati u ma jithallewx jikbru u isiru barrin. Il-laham mill-Germanja ma kienx ta animal newtralizzat u l-laham kien ta’ annimali li jkunu barrin zghar. Jirrizulta li hemm differenza fil-kwalita ghar-rigward tal-imsemmija tipi ta’ laham. Il-laham in kwestjoni stranament intbghat Malta biex jinbiegh lill-negozjanti tal-laham maltin minnghajr ma kienet saret precedentement xi ordni mill-istess negozjanti maltin. In efett is-socjeta

attrici hadet riskju peress li meta l-laham gie esportat lejn Malta, ma kienx mgharuf jekk in effett il-laham kienx ser jinbiegh jew le. Meta wasal Malta l-laham tpogga f'bonded stores, biex possibilment jinbiegh permezz tal-agenti jew rappresentanti maltin tas-socjeta' attrici. Kien hemm certu Ronald Galea li kien qed jittratta u jinnegozja ghan-nom tas-socjeta' attrici il-bejgh ta' dan il-laham lin-negozjanti maltin;

Jidher li l-laham in kwestjoni kien ta' prima kwalita' kif in effett kien gie konfermat fil-"health certificate" rilaxxat mill-awtoritajiet kompetenti fil-Germanja. Il-konsenja kollha kienet tikkonsisti f'"tender loins" u "strip loins" tac-canga. Jirrizulta ukoll li f'Settembru 1990 parti mill-imsemmija konsenja laham akkwistha l-konvenut;

Jirrizulta ukoll li l-konvenut baghat lis-socjeta attrici "bank draft", mahrug fuq bank malti, bhala hlas finali tal-prezz tal-imsemmija konsenja laham mibjugha lill-istess konvenut. L-imsemmi "bank draft" pero' baqa ma ssarrafx u, skond is-socjeta' attrici, dan kien peress li d-draft intilef. Sussegwentement il-bank malti, li rrilaxxa, l-imsemmi draft, ikkonferma li l-konvenut ghamel "stop payment" ghar-rigward tal-istess draft u konsegwentement l-fondi relattivi gew ritornati lill-konvenut. Sakhemm il-fondi gew ritornati lill-konvenut, l-istess konvenut kien jghid biss li huwa kien hallas u jekk id-draft intilef din ma kienitx bicca tieghu;

Hu minnu li generalment il-konvenut kien jordna "steer meat" u cioe laham li generalment kien jorrigina mir-Renju Unit jew mill-Irlanda. Il-laham in kwestjoni ma kienx "steer meat." Ma hemm l-ebda prova li l-konvenut ghar-rigward tal-konsenja in kwestoni, in effett odna "steer meat" pero' lanqas ma seta jigi konfermat jekk il-konvenut in effett kienx jaf li ma kienx qed jixtri "steer meat." Hu zgur, pero', li qabel ma saret il-konsenja tal-laham lill-knvenut, l-istess

konvenut  inghata kampjun tal-laham li kien qed jixtri. In effett il-konvenut ilu zmien twil fin-negozju ta' xiri u bejgh tal-laham u ghakhekk zgur li kien facli ghalih li jevalwa sew il-kampjun u seta jinduna x'tip ta' laham kien dak li kellu f'idejh. In effett jidher li lill-konvenut il-kampjun ghogbu u ghalhekk ghamel l-ordni relattiva;

Is-socjeta attrici tammetti li kien hemm ittra fejn il-konvenut ilmenta li ma kienx sodisfatt bil-konsenja laham in kwestjoni. Jista jkun pero' li din l-ittra ntbghatet wara li kien sar l-istop payment tad-draft. Saru diversi proposti da parti tas-socjeta attrici biex il-kwestjoni tigi risolta bonarjament. F'okkazzjoni minnhom is-socjeta' attrici pproponiet skont ghar-rigward tal-prezz tal-laham in kwestjoni. Dan jidher li gie accettat mill-konvenut li naqqas l-iskont mghoti minn pagament li sar ghall-konsenja laham ohra sussegwenti;

Inoltre jiher li d-draft in kwestjoni intilef fil-varji tragitti bejn il-banek barranin b'mod partikolari fl-Istati Uniti.. F'dan ir-rigward ukoll il-konvenut jaccenna li seta' kien hemm xi disgwid bejn il-banek barranini u kien ghalhekk li d-draft baqa ma ssarrafx. Meta ghadda z-zmien u d-draft gie "stale" u l-konvenut ghamel "stop payment" fuq parir tal-bank lokali;

Inoltre jirrizulta li f'korrispondenza li kien hemm bejn l-imsemmi bank malti u l-bank esteru li kienet tuza s-socjeta attrici, l-bank malti kkonferma li l-konvent kien stqarr mieghu li f'dak il-mument ma kienx f'posizzjoni li jhallas pero' kien qed jara kif seta jhallas l-ammont in kwestjoni f'pagamenti rateali;

L-imsemmi Ronald Galea kkonferma li l-konvenut kien ilmenta dwar il-kwalita tal-laham pero dana kien biss wara li inqalghu l-diffikultajiet ghar-rigward tad-draft li ma ssarrafx. Ma kienx hemm kliem, meta saret l-ordni relattiva da parti tal-konvenut, fis-sens li l-laham kellu jkun "steer meat" u inoltre kif gia gie rilevat il-konvenut li kien jifhem sew fin-negozju in kwestjoni mill-ewwel kien jittendi jekk il-laham kienx "steer" jew le. Difatti l-konvenut stess jammetti li kien jaf li l-origini tal-laham in kwestjoni kien

mill-Germanja u ghalhekk il-probabilita’ kienet li l-laham ma kienx “steer”;

Inoltre l-konvenuti jallega li klijenti tieghi bdew jibghatu lura l-laham in kwestjoni. Huwa pero’ naqas li jpproduci xi uhud minn dawn il-klijenti biex jikkonfermaw dan kollu. Il-konvenut ma jispjegax ghaliex hallas ghal-laham in kwestjoni meta hu kien qed jilmenta dwar il-kwalita tal-istess laham. Lanqas ma jispjega ghaliex kompla jiehu l-laham nonostante l-istess ilmenti u meta jirrizulta li l-konvenut kien jiehu l-laham ftit ftit mill-cold strores tar-rappresentanti tas-socjeta attrici. Il-konvenut ikkonferma li l-laham bieghu kollu. Huw jghid li bieghu, pero’, bhala kwalita inferjuri minn “steer meat”. Bieghu ghall-kapuljat u affarijiet simili u dan litteralment biex ma jarmihx;

In vista ta’ dan kollu jidher li l-konvenut sfrutta l-fatt li d-draft ma ssarrafx u ghalhekk beda johloq il-kondizzjonijiet necessarji sabiex possibilment jevita milli jhallas ghal-konsenja laham in kwestjoni. Difatti beda jilmenta dwar il-kwalita’ tal-laham wara li l-imsemmi draft ma ssarrafx. Jirrizulta inoltre li l-konvenut ma ghamilx l-istop payment minhabba l-ilmenti tieghu dwar il-kwalita’ tal-konsenja in kwestjoni. Huwa ghamel l-istop payment fuq parir tal-bank lokali wara li d-draft kien skada. In effett f’hin minnhom il-konvenut accetta l-iskont li gie offert lilu mis-socjeta attrici u naqqas l-iskont mghoti minn pagament iehor sussegwenti li ma kellu x’jaqsam xejn mal-konsenja in kwestjoni. Dak kollu li allega l-konvenut ma giex sostanzjat b’xi prova ohra oggettiva. Il-konvenut kien jaf sew dak li qed jixtri peress li f’dejh kellu kampjun tal-laham in kwestjoni u peress li ilu zmien twil f’dan in-negozju mill-istess kampjun facilment seta jinduna x’tip ta laham kien qed jixtri. Jirrizulta ukoll li in effet il-konsenja laham li akkwista l-konvenut in kwestjoni nbieghat f’hames xhur biss;

Ghandu jinghad ukoll li l-fatt li l-“health certificate” relattiv ma nstabx fid-dipartiment in kwestjoni, ma jfissrirx li dawn ic-certifikati ma gewx sottomessi lill-awtoritajiet maltin kompetenti. Inoltre sabiex jigi rilaxxat il-laham, id-Dwana ta’ Malta tesigi li l-ewwel jigi esaminat il-laham u jigi ukoll konfermat l-istess certifikat rilaxxat minn barra minn Malta;

Fl-opinjoni tal-Qorti dak kollu li gie premess iwassal ghal kokluzjoni li l-laham kien tal-kwalita pattwita u b’hekk l-eccezzjonijiet tal-konvenut jimmeritaw li jigu rigettati. It-talbiet attrici jirrizultaw sufficjentement ippruvati u ghalhekk ghandhom jigu akkolti. Kwantu ghal-kontro-talba tal-konvenut, ma jirrrizultax sufficjenteent li l-istess konvenut sofra xi danni. Anke f’dan ir-rigward il-konvenut naqas li jipproduci xhieda u provi ohra biex jissostanzja l-allegazzjonijiet tieghu f’dan ir-rigward. Inoltre il-prospett presentat f’dan ir-rigward la hu affidabbli u lanqas kredibbli. In effett skond dan il-prspett d-danni li soffra l-konvenut jammontaw ghal kwazi d-doppju tal-valur tal-konsenja laham in kwestjoni. Dan hu inverosimili. Bl-ebda mod ma gie konfermat il-kontenut ta’ dan il-prospett. In partikolari t-telf li l-konvenut jallega li sofra ghar-rigward tal-avvjament jirreferi ghat-telf fl-isem tajjeb tan-negozju tal-konvenut minhabba il-fatti in kwestjoni. L-ammont relattiv ma giex kalkolat b’mod tekniku u xjentifiku izda il-kalkoli saru b’mod approssimattiv mill-konvenut u l-book-keeper tieghu. L-ammont in kwestjoni hu inverosimili;

Ghaldawn il-motivi kollha :

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok billi tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-knvenut u billi fit-tieni lok tilqa t-tabiet attrici u tikkundanna l-konvenut ihallas lill-attur is-somma komplessiva ta' hamsa u ghoxrin elf sitt mija wiehed u tmenin lira ghoxrin centezmu u seba' millesmi (lm25,681.20,7) ekwivalent ghal disa u hamsin elf tmien mija u wiehed u ghoxrin euru u tnax il-centezmu (€59821.12) dovuti kif indikat fic-tazzjoni u dana bl-imghaxxijiet kollha legali mill-25 ta' Gunju 1993 sad-data tal-effettiv pagament; billi fit-tielet lok tilqa l-eccezzjonijiet kollha tal-attur nominee ghat-talba rikonvenzjali tal-

konvenut u finalment billi fir-raba lok tichad it-talbiet kollha tal-konvent kif kontenuti fil-kontro-talba tieghu;

Spejjez kollha kontra l-konvenut;

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------